# IL-HATI

Ta' Karmenu Vassallo *(Helios)*

Għadha tħoss rogħda ta' biża'
meta n-nies tgħaddi minn hemm,
fejn instab tal-ħati l-ġisem
jgħum fin-nar bla ma jintemm.

*   *   *

Tgħid il-ġrajja: "Tfajla twajba
kienet tiġi hawn fix-xgħari
tirgħa n-ngħaġ. Kienet sabiħa
qisha warda ta' ġol-qsari.

Kienet tħobb tgħanni xi għanja
safja u ħelwa bħal t'għasfur,
illi biha kienet tikser
waħx il-ħemda ta' ġol-bur.

Meta mbagħad ix-xemx fix-xefaq
kienet tgħib u dawlha jnin,
jisktu l-ilħna tal-għasafar,
u għad-dar terġa' l-bnedmin;

din it-tfajla twajba u ħelwa
kienet terġa' lura għal darha
b'dik il-merħla ta' ngħaġ bojod
qishom ġilwa ta' l-insara.

Imma darba għalxejn stennewha
il-missier u l-omm bħal dari......
Waqa' d-dlam...... u n-ngħaġ waħedhom
reġgħu lura minn ġox-xgħari.

F'nofs ta' lejl joħroġ missierha
ifittixha bħal mibluħ......
Kien dlam ċappa, skiet u ħemda;
l-ebda ħoss u l-ebda ruħ.

Imxi u terraq, terraq w imxi,
fl-aħħar tiġbdu berqa nar:
jersaq lejha b'ġirja waħda......
jieqaf...... jibża'...... F'bieb il-għar

jilmaħ ġisem raġel mejjet
ġon-nirien bla qatra demm
qiegħed jaqbad, qed jinħaraq
bla jinħall, bla ma jintemm.

Jisma' mbagħad leħen iriegħed
qalb dawk l-ilsna ta' nirien:
—Sraqt xbubitha bla ma riedet......
Dfintha ħajja f'dan l-imkien.—

Minnufih in-nar jintefa',
jgħib il-ġisem tal-għafrid......
Jibqa' biss il-missier waħdu
sahta jgħajjat mill-imqit.''

* * *

Għadha tħoss rogħda ta' biża'
meta n-nies tgħaddi minn hemm,
fejn instab tal-ħati l-ġisem
jgħum fin-nar bla ma jintemm.

8. 6. 43.